**QORTI KRIMINALI**

**Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip Matr., (Can), Ph.D.**

**Ammissjoni skond l-Artikolu 392B**

**77/2021/1**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

vs

**JUSTIN DIMECH**

**Illum, 17 ta' Novembru 2023**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra **Justin Dimech** detentur tal-karta tal-identita' Maltija **473891M**, iben missier mhux maghruf u Carmen Dimech xebba Dimech, imwieled Pieta', Malta nhar is-16 ta' Settembru 1991, resident gewwa 7, Lourdes, Triq l-Empire Stadium, Gzira, akkuzat talli:

Nhar il-5 ta' Frar 2021 ghall-habta tas-sebgha u nofs ta' filghodu (7:30am) u fil-hinijiet ta' qabel, gewwa 154, Blubau FL 7808, Triq ix-Xatt, Gzira jew fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer:

1. Bil-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Matthew Dimech fil-periklu car, wera' dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni ta' delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu;

2. Talli volontarjament ta' in-nar lid-dar, dar ta' abitazzjoni jew bini iehro meta hemm gew kien hemm persuna jew persuni fil-waqt tal-hruq li b'konsegwenza t'hekk giet kagunata offiza fuq il-persuna;

3. U kif ukoll talli b'mezzi xort'ohra volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema ammont tal-hsara huwa izjed minn mitejn u hamsin Euro (€250) izda ma jiskorrix l-efejn u hames mitt Euro (€2,500).

U aktar talli f'dawn il-Gzejjer nhar il-5 ta' Frar 2021 kif ukoll fil-granet u/jew fil-gimghat u/jew fix-xhur ta' qabel:

4. Biegh jew xort'ohra ttraffika il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur ta' l-Art 8 (e) ta' l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Kellu fil-pussess tieghu il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Art 8 (d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, **liema droga instabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;**

6. Ittraffika, biegh, qassam jew offra li jittraffika, ibiegh jew iqassam medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-dispozizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emenduti;

7. Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-mitkub mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-dispozizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-

Regolamenti dwar il-kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati, **liema medicina nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.**

8. Kellu fil-pussess tieghu id-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jformi d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqa li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolmenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjex li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex taghmel ordni a tenur tal-Artikolu 22A tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex tissekwestra f'idejn terzi persunai b'mod generali l-flejjes u l-propjeta' mobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-akkuzat jew ikunu propjeta' tieghu, u li jipprojbixxi lill-akkuzat milli jitrasferixxi jew xort'ohra jiddisponi minn xi propjeta' mobbli jew immobbli.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta tal-31 ta Ottubru, 2023

**<u>Ikkunsidrat,</u>**

Din il-Qorti hija rinfaccjata b'ammissjoni ghall-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu u dan meta l-istess akkuzat irregistra ammissjoni quddiem l-Qorti tal-Magistrati nhar il-31 ta' Lulju, 2023 (fol. 532) fil-presenza tal-avukat difensur tieghu Dr Charles Mercieca. F'din l-istess seduta l-Qorti tal-Magistrati kienet wissiet lill-akkuzat dwar il-konsegwenzi ta' din l-ammissjoni fejn gie spjegat lilu kull akkuza addebitata lilu tant li mill-atti jirrizulta li anke ssospendiet is-smiegh tal-kawza sabiex l-akkuzat ikun jista' jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu. Cioonnostante l-akkuzat insista li jirregistra l-ammissjoni tieghu u dan fl-istess seduta tal-31 ta' Lulju 2023.

Illi dakinhar l-ewwel Qorti osservat dak li jikkontempla l-artikolu 329B tal-kodici Kriminali u filwaqt li rregistrat l-ammissjoni tal-htija, ordnat lill-Avukat Generali sabiex fi zmien tlett ijiem ta' xoghol jinghata kopja skanjata tal-atti tal-kumpilazzjoni flimkien mal-oggetti li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz.

Issa fit-termini tal-gurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati taghna, meta jkun hemm ammissjoni dan ifisser illi min jammetti jkun qieghed jassumi r-responsabilita` tad-decizjoni li jkun ha u jirrimetti ruhu ghal kull decizjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal ghaliha. Naturalment dan ma jfissirx li din il-Qorti u Qrati ohra ma jidhlux f'ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha biex jaraw x'piena ghandhom jinfliggu izda li hu zgur hu li meta Qorti tkun rinfaccjata b'ammissjoni hemm certu fatturi li ghandha tqis qabel ma timponi piena adegwata u ghalhekk ghandha tifli l-process u tara l-provi kollha li gew imresqa quddiemha.

Fir-rigward ta' ammissjoni din il-Qorti taghmel referenza ghad-digriet moghti minn din il-Qorti diversament preseduta, fl-**<u>ismijiet Ir-Repubblika ta Malta vs Nicholas Azzopardi</u>**[1] fejn gie ritenut li in vista ta' l-ammissjoni ta' l-akkuzat, ikun opportun Ii

[1] Digriet moghti mill-Qorti Kriminali fl-24 ta Frar 1997 Aft ta Akkuza 19/96

din il-Qorti taghmel xi osservazzjonijiet ta' natura generali dwar il-piena meta akkuzat jammetti l-akkuza migjuba kontra tieghu. Ma hemmx dubbju li bhala regola generali, meta akkuzat jammetti l-akkuza hu ghandu jibbenefika minn xi riduzzjoni fil-piena. Jinghad "bhala regola generali", ghax jista' jkun hemm cirkostanzi li jkunu jindikaw li tali riduzzjoni m'ghandiex tapplika f'dak il-kaz partikolari. Wiehed naturalment ma jistax jelenka l-kaziet li c-cirkostanzi kollha fejn riduzzjoni fil-piena tkun jew ma tkunx indikata, u dana peress li kull kaz ikollu l-fattispeci partikolari tieghu. Pero' wiehed jista' jaccenna ghal certi linji ta' gwida. Fl-edizzjoni ta' 1991 ta' **Blackstone's Criminal Practice** (Blackstone Press Limited), hemm elenkati xi whud mic-cirkostanzi illi Qrati Inglizi jiehdu in konsiderazzjoni ghall-finijiet ta' riduzzjoni o meno tal-piena f'kaz ta' ammissjoni:

> *'The extent of the appropriate "discount" has never been fixed, but seems to vary between one fifth and one-third. In determining the extent of the discount, the court may have regard to the strength of the case against the offender (Davis (1980) 2Cr App R (S) 168). Where an offender has been caught red-handed and a guilty plea is inevitable, any discount may be reduced or lost (Morris (1988) 10Cr App R (S) 216). Occasionally the discount may be refused or reduced for other reasons, such as where the protection of the public requires it (McLough/in (1979) 1 Cr App R (5) 298; Stabler (1984)6 Cr App R (S) 129) or where the accused has delayed his plea in an attempt to secure a tactical advantage (Hollingron (1985) 82 Cr App R (5) 281).*
> *Similarly, some or all of the discount may be lost where the offender pleads guilty but adduces a version of facts at odds with that put forward by the prosecution requiring the court to conduct an inquiry into the facts (Newton (1982) 77 Cr App R 13) (pam E1.l3. pagna 1557).*

Din il-Qorti, kif preseduta, taqbel ma' dawn l-osservazzjonijiet u linji generali.

Cirkostanza ohra li, bhala regola, ghandha tittiehed in konsiderazzjoni fil-ghoti tal-piena f'kaz ta' ammissjoni hi jekk dik l-ammissjoni tkunx effettivament ghenet biex il-kaz jigi deciz kemm jista' jkun malajr u minghjar spejjez inutili ghall-errarju pubbliku. Fil-fatt l-Imhallef f'dik is-sentenza jghid hekk ghax 'din il-Qorti hi parikolarment

preokkupata mhux tant bin numru ta' kaziet pendenti quddiemha, daqs kemm bin-numru ta' eccezzjonijiet preliminari li qed jigu sollevati li hafna minnhom huma biss ta' natura dilatorja jekk mhux addirittura frivola. Hafna drabi, bhal f'dan il-kaz, persuna tiddeciedi li tammetti biss fI-ahhar minuta, wara li jkunu diga saru hafna spejjez bhal ma huma l-kopji tal-process li jridu jsiru u t-tahrikiet ta' xhieda u tal-gurati li jkunu nhargu.

Meta kaz jigi skedat ghall-guri, jigifieri biex jigi kontestat, dan necessarjament jimblokka kazijiet ohra. Din il-Qorti, ghalhekk, hi tal-fehma li, *ceteris paribus*, ghandha taghti konsiderazzjoni partikolari ghal dik li hija l-possibilita' ta' riduzzjoni fil-piena meta akkuzat, kemm jista' jkun malajr wara li jkun ircieva l-Att ta' Akkuza, jinforma lir-Registratur li bi hsiebu jammetti. Naturalment akkuzat, qabel ma hekk jammetti, jista' jkun irid javvicina, permezz tad-difensur tieghu, lill-prosekuzzjoni biex jesplora jekk hemmx lok ta' xi forma ta' *plea bargaining*, pero' dan dejjem jista' jaghmlu minghajr il-htiega li joqghod jistenna lil din il-Qorti li tappunta l-kaz ghas-smiegh. Fi kliem iehor, din il-Qorti bhala regola ghandha thares favorevolment lejn il-fatt li akkuzat ma qaghadx jahli z-zmien tal-Qorti u ta' haddiehor qabel ma ammetta'.

Rat il-gurisprudenza lokali kif ukoll dik ta' barra minn xtutna fir-rigward tal-piena inflitta meta persuna tgħamel ammissjoni bikrija senjatament **Ir-Repubblika ta'Malta vs. Nicholas Azzopardi**[2]; **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri**[3] **Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**[4]" (kif ukoll il BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (Blackstone Press Limited 2001 edit);

Il-Qorti rat in-nota tal-Avukat Generali prezentata ai termini tal-artikolu 392B tal-Kodici Kriminali fejn ddikjarat li hija irceviet l-Atti tal-Kumpilazzjoni fl-ismijiet **Ir-Republika ta' Malta vs Justin Dimech** nhar l-4 ta' Awwissu 2023 u dan wara lil-Qorti tal-Magistrati bhal Qorti Istruttorja ordnat li l-atti tal-kumpilazzjoni jigu mibghuta

[2] Deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhr l-24 ta' Frar 1997
[3] Deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Lulju 2002
[4] Deciz mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar is-17 ta Lulju 2002

lilha ai termini tal-artikolu 392B tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan stante li l-akkuzat Justin Dimech fis-seduta tal-31 ta' Lulju 2023 stqarr li huwa hati tar-reati li bihom gie akkuzat liema reati huma soggetti ghal piena ta' aktar minn tnax-il sena prigunerija.

Rat ukoll li f'din in-nota l-Avukat Generali iddikjarat ai termini tal-Artikolu 392B (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta illi l-imputazzjonijiet kif addebitati lill-akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja u li ghalihom l-akkuzat irregistra l-ammissjoni fuq imsemmija ghandhom jitqiesu bhala Att ta' Akkuza ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Illi ai termini tal-Artikolu 392B (4) tal-Kodici Krimianli, l-Avukat Generali talbet ukoll li jkun tista' tipprezenta dik l-evidenza ai fini ta' piena, fosthom l-espert ix-Xjenzat Professur Emanuel Sinagra sabiex jirrelata dwar il-kwantita u l-kwalita tad-droga u l-ufficjali Ivestigattivi l-Ispettur Jonathon Ransley u l-Ispettur Shawn Pawney.

Ghalhekk baghat ma' dan l-Att lil din l-Onorabbli Qorti l-atti tal-kumpilazzjoni fl-ismijiet **ir-Republika ta' Malta vs Justin Dimech** u dan sabiex din l-istess Onorabbli Qorti tipprocedi il-konfront ta' l-akkuzat Justin Dimech.

Rat ir-rikors kongunt ta' l-Avukat Generali u ta' Justin Dimech prezentat fl-atti ta' din il-kawza fejn ghal darb ohra stqarret li l-imputazzjonijiet kif addebitati lir-rikorrent Justin Dimech quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja u li ghalihom huwa rregistra ammissjoni skond il-ligi ghandhom jitqiesu bhala Att ta' Akkuza ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Illi f'din l-istess nota filwaqt li l-partijiet ghamlu referenza ghall-ammissjoni u ghad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 392B (5) (a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-rikorrenti konguntement iddikajraw li qeghdin jaqblu u konsegwentment talbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha timponi fuq ir-rikorrenti Justin Dimech piena ta' prigunerija effettiva ghal perijodu ta' tlettax (13) il sena flimkien ma' multa ta' Tlieta u ghoxrin elf euro (€23,000) u dan oltre kwalsiasi sanzjoni u/jew konsegwenza ohra

konsegwenzjali ghad-dikajrazzjoni u sejbien ta' htija ai termini tal-Kapitolu 9 u 101 tal-Ligijiet ta' Malta inkluz il-hlas tal-ispejjez tal-esperti ai temini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-konfiska ta' kwalunkwe flejjes u tal-proprjeta' mobbli u mmobli appartenenti lill-istess rikorrenti akkuzat Justin Dimech.

Rat ir-relazzjoni redatta mill-Profesur Emanuel Sinagra prezentata fl-atti nhar it-12 ta' Settembru, 2022 minn fejn jirrizulta minn ezami tal-istess li nstab li kien hemm is-sustanza Cannabinol CBN u l-piz totali kien ta' 75 grammi fuq dokument immarkat 1322106, fuq id-dokument 1322211 kien hemm ukoll Tetrahydrocannabinol u Cannabinol fl-ammont ta' 40 grammi bi purita ta' circa 0.17%. Fuq id-dokument 1312107 u 1312111 instabet is-sustanza methylenedioxymethamphetamine MDMA. In-numru ta' pilloli kien ta' 72 roza u f'kull pinnola kien hemm kontenut ta' 175mb. Fid-dokumenti ohrajn kien hemm tracci ta' Kokaina u fid-dok 1322210 instabet is-sustanza Tetrahydrocannabinol u l-piz totali kien ta' 311 grammi bi purita ta' 11%.

Din il-Qorti rat li fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2023 l-*parte civile* ddikjara tramite l-avukat difensur tieghu li huwa sodisfatt bil-pattegjament milquh bejn l-akkuzat u l-Avukat Generali una volta l-ispejjez inkorsi minnu jigi salvagwardati bl-applikazzjoni tal-Artikolu 15A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. In oltre, iddikajra li lista ta' dawn l-ispejjez tinsab esebita a fol. 482 Vol 3 tal-atti processwali.

Rat id-dokument esesbit fl-atti a fol. 482 datata l-15 ta' Gunju 2021 mahruga minn ST Hotels fermata minn Michael Stivala minn fejn jirrizulta li l-ispejjez tal-hsarat li gew kawzati mal-hruq ta' Matthew Dimech jammontaw ghas-somma ta' €1,882 oltre l - VAT.

Illi din il-Qorti thoss li allura f'dan il-kaz partikolari ghandha taderixxi ghat-talba konguntiva prezentata fl-atti processwali nhar il-31 ta' Ottubru, 2023 u ghaldaqstant, wara li rat l-artikoli 15A, 23, 23A, 23B , 23C , 41 (1) (a) 211, 316, 325 (b) u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 8 (d)( e) u 22A tal-kap 101 tal-ligijiet ta' Malta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll

Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;, u l-artikoli 40(A) u 120(A) u t-tielet skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li Ghandhom X'Jaqsmu Maghha Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lil hati Justin Dimech ghal piena ta' **prigunerija effettiva ghal-perjodu ta' tlettax-il sena (13)**, **flimkien ma' multa ta' hamsa u ghoxrin elf ewro (€25,000)** li jekk ma tithallasx puntwalment tigi kkonvertita f'sena prigunerija ai termini tal-artikolu 11 tal-Kodici Kriminali.

Tikkundanna wkoll lil hati ihallas l-ispejjez tal-perizji inkorsi f'dan il-process u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali u dan skond is-segwenti:

1. L-ammont ta' €197.05 rapprezentanti hlasijiet li saru lil Dott Marisa Mifsud (vide dok MM1 esebit a fol. 150 Vol. I)
2. L-ammont ta' €357.90 rapprezentanti hlasijiet li saru lil Dott Mario Scerri (vide dok MS esebit a fol. 250 Vol. II)
3. L-ammont ta' €349.67 rapprezentanti hlasijiet li saru lil Dott David Borg Saydon ( vide dok DBS esebit a fol. 251 Vol. II)
4. L-ammont ta' €566.40 rapprezentanti hlasijiet li saru lil Dott Marisa Cassar ( vide dok MC esebit a fol. 276 Vol. II)
5. L-ammont ta' €523.50 rapprezentanti hlasijiet li saru lil PS 2293 Michelle Camilleri u PS 1331 Darren Debattista ( vide dok DD1 esebit a fol. 298 Vol. II)
6. L-ammont ta' €197.05 rapprezentanti hlasijiet li saru lil Dott Marisa Mifsud (vide dok MM1 esebit a fol. 150 Vol. II)
7. L-ammont ta' €3,640.21 rapprezentanti hlasijiet li saru lil Profs Emanuel Sinagra (vide dok ES1 esebit a fol. 407 Vol. III)
8. L-ammont ta' €1,420.84 rapprezentanti hlasijiet li saru lil Dott Martin Bajjada (vide dok MB1 esebit a fol. 436 Vol. III)
9. L-ammont ta' €318.60 rapprezentanti hlasijiet li saru lil Dott Marisa Cassar (vide dok MC esebit a fol. 504 Vol. III)

Jekk l-ispejjez tal-perizji fl-**ammont totali ta' €7,571.67** ma jithallsux fi zmien sena mid-data tas-sentenza jigu kkonvertiti f'terminu ta' prigunerija skont il-ligi.

Tordna ukoll ai termini tal-Artikolu 15A tal-Kodici Kriminali sabiex il-hati Justin Dimech ihallas is-somma ta' €1,882 oltre l-VAT lil Matthew Dimech rapprezentanti kumpens ghall hsarat sofferti minnu.

Tordna ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom saru ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli u immobbli ohra tal-hati.

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b'nota, li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax-il (15) jum mid-data tas-sentenza appellata, li d-droga esebita hija mehtiega ghal konnessjoni ma' xi proceduri kriminali ohra kontra terzi persuni, id-droga kollha esebita u l-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tar-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali, taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur tal-Qorti Kriminali li ghandu jaghmel verbal ta' tali distruzzjoni u jingiebu a konjizzjoni tal-Qorti b'nota appozita b'kopja li ghandha tigi innotifikata lill-Avukat Generali u lill-hati.

Consuelo Scerri Herrera

Imhallef